MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2008

Appell Kriminali Numru. 116/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. N. Ciappara)**
**Vs**
**Alan Satariano**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-24 t'April, 2004 u fil-granet ta' qabel din id-data, kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-raba' w is-sitt Taqsima ta' l-Ordinanza w meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija w meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu w naqas li

jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija w dan bi ksur tar-regolament 9 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati w bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-14 t'April, 2008, li biha, wara li rat ir-Regolament 9 tal-GN 292/1939, it-Taqsima 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101, sabet lill-appellat hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontrieh izda flok ikkundannatu poggietu taht il-harsien ta' Probation Officer sabiex jaghmel ghoxrin (20) siegha xoghol "community work".
Il-Qorti spjegat dan l-Artikolu lill-appellat bi kliem semplici.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-2 ta' Mejju, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat hati ta' l-akkuzi migjuba kontrih, filwaqt illi tirrevoka l-parti tas-sentenza koncernanti l-piena li nghatat kontra Alan Satariano w minflok tinfliggi piena gdida skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat il-verbal tal-lum li bih l-Avukat Generali ddikjara li mhux qed jinsisti f'dan l-istadju fuq l-ewwel aggravju tieghu izda jzomm ferm it-talba tieghu referibbilment ghat-tieni aggravju li jirrigwarda l-minimu ta' servizz fil-komunita' li l-Ewwel Qorti suppost illi erogat fis-sentenza taghha.

Rat id-dikjarazzjoni tal-appellat li huwa jirrimetti ruhu ghall-appell tal-Avukat Generali w iddikjara li huwa jkun lest li jservi ghoxrin (20) siegha ohra ta' "community service"

oltre l-ghoxrin (20) siegha li huwa diga' serva in adempjenza tas-sentenza appellata.

Peress illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali jidher pjenament gustifikat legalment ghaliex f'kull kaz ebda ordni ta' servizz fil-komunita' m'ghandu jkun ta' inqas minn erbghin (40) siegha xoghol skond il-Ligi, Artikolu 11(2) tal-Kap. 446, tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali w tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellat hati tal-akkuza migjuba kontrih u tirrevokaha fil-parti tas-sentenza koncernanti l-piena billi biss tvarja l-perjodu ta' xoghol "community work" li ghandu jaghmel minn wiehed ta' ghoxrin (20) siegha ghal wiehed ta' erbghin (40) siegha, li minnhom s'intendi, ghandhom jitnaqqsu s-sieghat kollha li l-appellat lahaq serva sal-lum, b'dana li l-ordni biex huwa jitpogga taht il-harsien ta' "probation officer" jibqa' wkoll bla mittiefes.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------